# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZZJONI NRU 131

KAZ NRU 166

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mr Joseph Galea

u

Messrs Simonds Rarsons Cisk Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 27 ta' Settembru, 1982

Chairman: Carmel Rowe

Dan il-kaz intbghat quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol fis-27 ta' Ottubru, 1981, taht id-disposizzjonijiet tal-Att 28(2) tal-Att Nru XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ngusta li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant fl-ewwel seduta ipprezenta l-kaz tieghu nnifsu u fis-seduti l-ohra kien rapprezentat mis-Sinjuri Ant. Slowe, Ph Agius u Paul Borg; President, Vici President u Segretarju tal-Union Haddiema S.F.C. li taghha l-appellant kien membru.

Ghal Simonds Farsons Cisk Ltd, li quddiem jissemmew bhala S.F.C. Ltd mexxa l-kaz is-Sur A Mallia Milanes, li fl-ewwel seduta kien nieqes minhabba safar, u sur Paul Portelli, Personnel Manager u s-Sur Arthur Muscat, Assistant Personnel Manager. Is-Sur A Mallia Milanes huwa s-Segretarju Amminstrattiv tal-Employers' Association.

3. Seduti u Xhieda

Inzammu sitt seduti li fihom instemghu dawn ix-xhieda:-

L-appellant, is-Sur Joseph Galea

Is-Sur Joseph Grech, is-Sur Eugenio Gauci u Sur Joseph Galea; impjegati mal-kumpanija S.F.C. Ltd li dehru ghal appellant.

.../2

Is-Sinjur Frank Borg u Emm. Grech, Foremen ma S.F.C., Is-Sur Paul Portelli, Personnel Manager; is-Sur Albert Calleja, Quality Control Manager dehru ghal kumpanija.

L-Avukat Godwin Muscat Azzopardi konsulent tal-Union Haddiema S.F.C. xehed ghall-appellant filwaqt li s-Sur A Muscat Ass. Per. Manager gie mghajjat mit-Tribunal, filwaqt li s-Sinjuri Alf Catania, Carmel Brincat, Salvu Spiteri u John Mary Bezzina, Machine Operators/ Labourers ma S.F.C. gew mitluba mit-Tribunal u l-Union Haddiema S.F.C.

4. Statement of Case

Is-Sur Joseph Galea qal li hu kien ilu jahdem mal-kumpanija S.F.C. Ltd mit 8 ta' Mejju 1967 bhala Labourer u li spicca mill-impieg fit-20 ta' Ottubru, 1982.

Fis-6 ta' Ottubru 1981 kien qieghed ihott xi kaxxi tal-BRITVIC biex jaghmilhom fuq il-paletti u mieghu kellu tliet haddiema ohra.

F'daqqa wahda mar fuqu l-imghallem Guido Camilleri u qallu li ser jirraportah. Hadu ghand is-Sur Paul Portelli, l-Personnel Manager u dan qallu li ser ipattiha qares u sabbattlu l-bieb f'wiccu. (Il-jum kien il-Gimgha).

It-Tnejn 9 ta' Ottubru 1981 gie mgharraf li kien ser jigi sospiz ghal gimgha ghax hadem hazin u wara li ghaddiet din is-sospensjoni rega mar ghax-xoghol u kellmu s-Sur Paul Naudi li gharrfu li hu (Galea) kien spicca u s-Sur Naudi qallu li ser jiktiblu biex jiehu l-karti, bonus u affarijiet ohra.

Is-Sur Galea qal li huwa jhoss li terminazzjoni tal-impieg tieghu ma kienitx ghal raguni valida u gusta skond il-ligi u ghaldaqshekk talab it-Tribunal biex jiddeciedi li t-tkeccija kienet ingusta u li jerga jigi moghti l-impieg li kellu qabel 20 ta' Ottubru, 1981, bla telf ta' paga u beneficcji ohra.

Is-Sur P Portelli, Personnel Manager ghal-kumpanija S.F.C.Ltd issottometta li l-Management wasal ghad-decizzjoni tat-tkeccija tal-appellant wara perijodu persistenti ta nuqqasijiet minn naha tal-appellant u dan jidher minn Memo tal-kumpanija 19/10/81 Dok A u l-appellant twaqqaf mix-xoghol wara procedura ta' twissijiet verbali u bil-miktub.

Il-kumpanija tapprezza li tasal ghal kastig estrem (tkeccija) jekk l-impjegat verament ma jkunx irid jirriforma u l-kumpanija taf li jezistu rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali dwar twissijiet verbali u miktuba li ghandhom jittiehdu fejn tidhol dixxiplina.

L-appellant inghata erba twissijiet miktuba Dokumenti B,C,D,E, u ittra finali Dokument F.

Il-Management ma bbazax id-decizjoni tat-tkeccija fuq l-erba twissijiet bil-miktub, imma wkoll fuq in-nuqqas ta' puntwalita' tal-appellant li f'perijodu ta' anqas minn sentejn irraporta 76 darba tard ghax-xoghol. Gie moghti twissijiet verbali sitt darbiet, f'perijodu ta' sena u nofs (ara Dokumenti).

F'dokument J - 1 sa 4, tidher xhieda mill-Production Log Books ta' 4 twissijiet verbali ohra. Dawn huma dwar nuqqasijiet fuq il-linja tal-produzzjoni.

Dokumenti K 1 sa 6 huma dikjarazzjonijiet tal-Foremen minn haddiema li kienu jahdmu mal-appellant, li juru li l-appellant kien qed johloq disgwid fost shabu bl-agir tieghu.

Dok L 1 u 2 juru rapport mid-Deputy Production Manager, Alb Calleja dwar l-ahhar incident li wassal ghas-sospensjoni u t-tkeccija tal-appellant.

L-appellant kien imdahhal f'incident li tieghu gie moghti twissija finali Dokument M u l-implikazzjonijiet tal-kelma finali kienu gew spjegati b'mod car lil appellant.

.../4

Il-Management dam hafna jissaporti l-imgieba negattiva ta' Joe Galea u gibidlu l-attenzjoni ghan nuqqasijiet li kien qed jaghmel. Tah erba twissijiet miktuba u ghaxra verbali (recorded).

Ma kienx baqa triq ohra hlief tkeccija ghax kien qed jinbet il-perikolu li haddiema ohra tad-ditta jikkorkludu li l-Management mhux kapaci jew ma jridx jinforza dixxiplina. Ghaldaqshekk il-kumpanija tissottometti, bir-rispett illi t-tmiem tal-impieg ta' Joseph Galea; l-appellant, saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Dokumenti

Gew ipprezentati dawn id-dokumenti:-

Dok A Internal Memo mill-Personnel Manager lil Managing Director, S.F.C. Ltd, dwar id-decizzjoni tat-tkeccija ta' Joseph Galea, l-appellant.

Dok B Written Warning lill appellant dwar sospensjoni ta' gurnata mix-xoghol

Dok C Official Warning lill appellant dwar sospensjoni ta' erbghat ijiem mix-xoghol

Dok D Official Warning lill appellant dwar bdil ta' hinijiet tax-shift - gie mibghut id-dar ghal dik il-gurnata

Dok E Final Warning - wara bdil ta' hin tax-shift gie mibghut id-dar ghal dik il-guranta

Dok F Ittra lill appellant dwar rapport li kien sarlu fis 6/10/81 kien inghata sospensjoni ta' hames tijiem u nitlub jirraporta l-ufficju tal-Personnel Manager 20/10/81 biex jinfurmawh dwar passi ohra li kienet ser tieghu l-kumpanija

Dok G Ittra lill appellant dwar it-tmien tal-impieg

Dok H Lista ta' dhul tard ghax-xoghol perijodu 26/1/80 sa 17/10/81

Dok I 1 sa 5 dwar qtugh fil-paga u photostats tal-Punch Cards tal-appellant

Dok J Kopja ta erba' twissijiet verbali flimkien ma photocopies ta' rapporti registrati fil production Log Books dwar nuqqasijiet fuq il linja tal-Produzzjoni.

Dok K 2 sa 6 Dikjarazzjonijiet li ghamlu ufficjali tal-kumpanija (Foremen) biex jigi ccarat à-istatement fl-ittra ta' 12/10/81 moghtija lill-appellant. Dawn huma dwar tgergir minn nies li gieli hadmu mal-appellant

Dok K1 Huwa kopja dwar l-incident tas 6/10/81

Dok L 1 u 2 Kopja tar-Rapport maghmul mid-Deputy Production Manager Kopja tal-Log Book 6/10/81

Dok M 1 u 2 Kopja tar-Rapporti tas-Sen Security Officer, u Dr P Mallia dwar l-incident tat 8/6/81

Dok N Kopja ta dikjarazzjoni maghmula mis-Sur Paul Portelli, Personnel Manager dwar l-incident tas 6/10/81 li finalment wassal ghat-tkeccija tal-appellant

Dok 3 Dikjarazzjoni tal-Fork Lifter, Joseph Galea

Dok 4 Kopja ta' Plan tal-Production Line fejn isir il-hasil, mili u stivar ta' fliexken

Dawn id-dokumenti gew ipprezentati mill-kumpanija S.F.C. Ltd.

Dok 7 A,B,C, huma kopji ta' dikjarazzjonijiet maghmula minn haddiema li jahdmu ma S.F.C. Ltd u li fis 6/10/81 hadmu mal-appellant. Dawn it-tlett dokumenti gew pprezentati mill-Union Haddiema S.F.C ghan-nom ta' l-appellant.

Xhieda fil-qosor

(a) Is-Sur Joseph Galea, l-appellant, ta xhieda tieghu dwar l-incident tas- 6/10/81 u wiegeb ghal mistoqsijiet tac-Chairman.

L-appellant qal li kien qieghed jahdem u gie wiehed u qallu li jridu is-Sur Spiteri u dan gharrfu li kellu gimgha sospiz, huwa ffirma karta dwar din il-gimgha sospensjoni quddiem is-Sur Muscat, Ass. Per. Manager. Ix-xhud lil dan indikah u ma semmiehx b'ismu u qal li ma tawhx sodisfazzjon ghaliex issospendewh, mistoqsi jekk hux membru tal-Union qal li kien u ma talabhomx ghajnuna ghax jigu b'hafna skuzi.

Ix-xhud gie mitlub mit-Tribunal biex iwiegeb sewwa u jgib ruhu bil-kalma, ma jargumentax ghax it-Tribunal irid jisma l-fatti.

Ma jafx ghax gie mkecci, jahseb li qabdu mieghu, meta rcieva l-karta tas-sensja kellu cheque u mar sarfu.

Ix-xoghol tieghu kien bhala labourer, kien jahdem kull fejn jibghatuh, imma l-aktar kien igorr l-kaxxi vojta u jistiva l-fliexken.

Fuq ix-xoghol kien ikun ma iehor u kull siegha kienu jserrhu lil xulxin, dan kien jisir bhala ftehim bejn il-haddiema imma jekk jieqaf mill-fliexken kien jaghmel xi xoghol ta' knis fl-area fejn ikun jahdem.

L-appellant qal li ma jafx li dak inhar tas 6 ta' Ottubru ghamel xi haga hazina u fuq rimirka tat-Tribunal li minn akkuzah u ressaq storja twila ta' nuqqasijiet li wasslu ghat-tkeccija tal-appellant ma kienx mignun, ix-xhud cahad dawn l-akkuzi li dehru fl-istatement tal-kumpanija.

Ic-Chairman fakkru f'erba dati li fihom tawh twissijiet bil-miktub u l-appellant rega qal li kienu qabdu mieghu. Issikkat mic-Chairman biex iwiegeb fuq it-twissijiet miktuba qal li tawh darbtejn u mhux erba.

L-appellant semma l-avukat tal-Union u t-Tribunal qallu li l-avukat jista jitla jixhed favur tieghu imma ma jistghax jiddefendih - l-appellant qal li l-avukat tal-Union kien qallu li l-warnings skond il-Collective Agreement jaqghu u baqa jsostni li tnejn tawh warnings.

Ic-Chairman qallu li barra written warnings tawh hafna verbal warnings u l-appellant cahad.

Fuq li jmur ghax-xoghol tard, l-appellant qal li ma jippancjawlux shabu u t-Tribunal irrimarkalu li fl-istatement tal-kumpanija qalu li kien mar tard 76 darba f'perjodu ta' sentejn, bejn 1980-81. L-appellant cahad u ppressat qal li ma jammettix.

.../7

It-Tribunal qal lil-appellant li ma kienx ra sewwa kull dokument ipprezentat mill-kumpanija imma staqsieh dwar xi rapport ta' xi foreman dwar l-imgieba hazina tal-appellant.

Ic-Chairman fakkar lix-xhud li kien gie moghti xi jiem sospiz fuq xi htijiet li ghamel; qallu li qed jichad filwaqt li xi warnings kienu iffirmahom.

Dwar sospensjoni ghax bidel is-shift bla permess ammetta li ma thallasx imma qal li hemm klikek ihawdu u dwar l-ahhar warning - Finali - li kien inghatalu 10/6/81 ghax bidel ix-shift u wara li gie mibghut id-dar raga lura fil-Factory Dok E, l-appellant qal li kellu ragun hu.

Meta c-Chairman fissirlu l-ahhar warning, l-appellant qal li ma hemmx ghalfejn jaqralu hadd ghax hu jaf jaqra.

Mistoqsi dwar incidenti li fuqhom tnizzel xi qtugh fil-paga, mhabba bdil ta' shift bla permess, tluq minn fuq ix-xoghol, wasla tard fuq ix-xoghol u dwar li kellu punching card, l-appellant wiegeb li lilu qatt ma tawh ragun u hu ma hawwadtx fir-Roster u li dawk id-dokumenti huma gozz gideb. Meta kompla jaqra mid-dokumenti lil-appellant, dan wiegeb li jidher car li qabdu mieghu u fuq li jasal tard qal li lilu hadd ma jippancjalu.

Dwar il-hrug taz-zokkor li fuqu wehel sospensjoni qal li dan kien kinsu mill-art u kien hemm ohrajn bhalu li kellhom zokkor.

Fuq id-Dokument K, mill-Foremen dwar it-tgergir ta' shabu, l-appellant ried jaf minhuma dawn il-Foremen.

Ic-Chairman talab l-appellant kellux xi xhieda favur tieghu u ghaldaqshekk waqqaf l-interoggatorju mal-appellant u beda jisma x-xhieda li pproduca.

(b) Is-Sur Joseph Grèch xehed li jahdem ma S.F.C. Ltd bhala m/operator, fuq il-karattru generali tal-appellant qal li m'ghandu x'jghid xejn u hadem biss mieghu f'dik il-gurnata biss, 6/10/81.

Qal ukoll li kienu qed jistivaw il-juice fil-kaxxi, gie l-imghallem fuq l-appellant u qallu biex imur mieghu.

Ix-xhud insista li ma ra xejn mhux normali, hlief li gie l-imghallem fuq l-appellant u hadu mieghu. L-appellant ghamel xi mistoqsijiet lil dan ix-xhud u wiegeb li ma kienx jaf fuqhiex irraportaw lil-appellant.

(c) Is-Sur Eugenio Gauci, labourer ma S.F.C. Ltd qal li dak il-jum biss 6/10/81 hadem ma l-appellant. Kienu jistivaw il-fliexken fil-kaxxi u kienu jahdmu nofs siegha/nofs siegha u jserhu l-xulxin. Ma ftakarx li xi hadd qallu li qed jaghmlu x-xoghol bil-mod.

L-appellant staqsa lix-xhud jekk hu maghhom hadimx sewwa u dan wiegeb li mieghu hadem sewwa izda ma jistax jghid x'jaghmel ma haddiehor.

Safejn jaf, ix-xhud wiegeb lit-Tribunal li ghalih kien jum normali u ma garr ma hadd li l-appellant ma kienx qieghed jahdem sewwa.

Dan ix-xhud fis-seduta ta' wara rega gie mtella biex sarlu kontro ezami mis-Sur Mallia Milanes.

Is-Sur Mallia Milanes meta x-xhud qal li ma jafx li fuq dak inhar (6/10/81) ghamel xi statement, qralu dikjarazzjoni li x-xhud kien ghamel - Dokument '7' U.H.S.F.C. Din kienet dikjarazzjoni maghmula quddiem l-avukat Godwin Muscat Azzopardi.

Ix-xhud qal li ma jiftakarx id-data meta ghamel din id-dikjarazzjoni imbghad ic-Chairman qara dokument N li kienet dikjarazzjoni maghmula mis-Sur Portelli, Personnel Manager, dwar rapport li kien ghamillu Foreman G Camilleri fil-jum tal-incident 6/10/81.

Skond id-dikjarazzjoni ix-xhud kien gie rapportat flimkien mal-appellant dwar xoghol bil-mod. Hu kien wiegeb li mhux hu qieghed jahdem bil-mod, imma l-appellant ghax kien qed juza id wahda.

Ix-xhud gie muri li kien hemm kontradizzjoni bejn dak li qal f'Dokument N u dak li qal f'Dokument 7 U.H.S.F.C.

Fil-bidu li beda ma Farsons xi tlett snin qabel il-kaz 10/81 gie li hadem mal-appellant imma f'xoghol iehor, imma kien ilu zmien ma jahdem mal-appellant u hadem biss dak inhar tas 6/10/81.

Cahad li qal lil Foreman G Camilleri li d-dejjaq jahdem mal-appellant u ghaldaqshekk it-Tribunal talab li jissejjah Foreman G Camilleri biex isir konfront ma xhud Gauci.

Mistoqsi mis-Sur Mallia Milanes, ix-xhud Gauci rega qal li ma jiftakarx li qal lil Foreman G Camilleri li l-appellant jahdem bil-mod ghax jistiva b'id wahda flok bit-tnejn. Is-Sur Mallia Milanes insista max-xhud biex jiftakar, rega qralu Dokument N, imma ma setax jiftakar. Ic-Chairman irrimarka lix-xhud li kien qed ikun evaziv u hawnhekk ftakar li kienu qalulu li hu kellem hazin lil-imghallem. Ftakar li kellmu s-Sur Portelli imma baqa jichad li qal xi haga fuq l-appellant Galea.

(d) Is-Sur Guido Camilleri mitlub mis-Sur Mallia Milanes qal li jahdem bhala Foreman ma S.F.C. Ltd fil-Mineral Water Plant u qal li dahal ghax-shift tas 2 p.m. u siehbu ta' filghodu qallu biex joqghod ghassa ghax qed iwaqqfu l-linja, mar u sab il-linja minlija, kellem lil-haddiema specjalment lil Gauci u dan qallu, "int ghax tibghatilna lil dak maghna".

Minn hemm ix-xhud mar fejn is-Sur Calleja biex jekk jittardja l-programm ikun jaf x'gara u dan qallu biex jiehodhom fejn is-Sur Portelli (Is-Sur Calleja kien Assistant Production Manager).

Mistoqsi mic-Chairman jekk kellimx lil Gauci biss, ix-xhud qal li kellem lil Grech ukoll u ma jiftakarx li kellem lil Galea - kien hemm tnejn Galea fuq ix-xoghol dak il-hin, imma t-Tribunal kien interessat fl-appellant Galea. L-appellant kien fuq il-linja maghhom (Grech u Gauci) Ix-xhud qal li semma lil-Gauci u l-Grech biex ikun ezatt lil-appellant Galea meta jkellmu kien ghidlu "Jien lest li jekk irrid nghidlek xi haga nghidilek f'wiccek."

.../10

Lil Gauci kien kellmu ghax ma kellmux bhas-soltu, imma kien fuq xogholu.

Fuq mistoqsija x'qalulu Gauci u Grech, ix-xhud qal li dawn qalulu "Inti lil dak tibghatilna maghna".

Ic-Chairman qara lix-xhud Dokument K1 li kien dikjarazzjoni maghmula minnu dwar x'qalulu Gauci u Grech, ix-xhud qal li mhux huma gew jghidulu imma ghamlu hekk ghax iccekkjahom hu.

Ic-Chairman gharraf lix-xhud li Gauci qed jichad li qallu xi haga fuq l-appellant u x-xhud qal li Gauci kellem hazin lix-xhud x'hin iccekkjah. Kien zgur li Gauci qallu fuq il-mod kif kien qed jahdem l-appellant u dwar jekk Grech qallux ma kienx cert, pero Grech ilmenta mieghu.

Ix-xhud sostna li Gauci kien qallu li Galea l-appellant, qieghed jahdem b'id wahda.

Ic-Chairman hawnhekk dar fuq Eugenio Gauci li kien qieghed jisma u staqsieh jekk jichadx dak li kien xehed is-Sur Guido Camilleri.

Gauci kien evaziv u ma riedx jichad jew jikkonferma x'qal fuq l-appellant, izda qal li l-Foreman kien gie u sab il-mejda mimlija, qal li l-Foreman irrapportah ghax qal li kellmu hazin. Kellmu s-Sur Portelli u sa fejn jaf hu ghadda kollox b'wicc il-gid.

Is-Sur Mallia Milanes talab lis-Sur Guido Camilleri biex jikkonferma Dok K1 bil-gurament. Ix-xhud ikkonfermahu qal li lill-appellant kull meta kellmu minn hemm u minn hawn dejjem obdih.

L-appellant kien semma lil Foreman G Camilleri; ix-xhud; fl-istatement of Case u qal li dan kien qallu "Jien li jkolli nghidlek, nghidlek f'wiccek u mhux ser nirrapurtak". Ix-xhud ikkonferma.

<u>Kontro ezami mis-Sur Slowe</u>

Dwar ir-rapport qal li ra li ser jittardja l-programm u l-juices jekk jittardja l-programm ma jistghax jimlew l-ghada u ha action dak il-hin stess, ghax siehbu ta' qablu qallu biex joqghod attent ghax ma nlahhqux.

Tela qal lis-Sur Calleja. Dwar il-hin kien wara 4.00 p.m. jew qabel 4.00 p.m.

Mistoqsi mis-Sur Slowe biex jispjega kif dak inhar ix-xoghol spiccawh saghtejn qabel, ix-xhud qal li wara l-bottling iridu xi tliet sieghat biex l-operator jghselhkullimkien sew jigiefieri jekk ma jsirx f'hin sewwa, irid issir wara.

(d) Is-Sur Galea, dan ix-xhud kien tala jixhed fl-ewwel seduta u kien xehed fuq talba tal-appellant, mhabba li dan kien wiehed li ghamel ukoll dikjarazzjoni li qal li lest li jahlifha, rega gie mghajjat fuq din id-dikjarazzjoni. Dan ix-xhud jismu bhala appellant u fil-jum tas 6 ta' Ottubru, 1981 hadem ukoll ma l-istess appellant.

Is-Sur Mallia Milanes qralu d-dikjarazzjoni Dokument 7C U.H.S.F.C. Il-hin li ssemma fid-dikjarazzjoni kien bejn il-5.30 p.m. u t-8.00 p.m. huwa kkonferma din id-dikjarazzjoni bil-gurament, filwaqt li s-sur Mallia Milanes gibed l-attenzjoni tat-Tribunal li f'hin tal-incident kien ghal habta tat-3.30 p.m. Ghaldaqshekk, din id-dikjarazzjoni ma ghandiex relevanza mal-kaz. It-Tribunal qabel li din mhux relevanti.

(e) Is-Sur Frankie Borg, Foreman ma S.F.C. Ltd. Huwa wiegeb ghal mistoqsijiet tas-Sur Mallia Milanes u fi zmien tal incident kien fil-Bottling tal-Menerali. Fis-6 ta' Ottubru 1981 kien responsabbli f. fruit juice line fejn in-nies jippakkjaw bl-idejn, fosthom kien hemm 4 u wiehed minnhom kien qed jahdem b'id wahda u hu kellmu u qallu "Haffef halli ma twaqqafniex". Imbghad imbidel ix-shift u dahal Foreman iehor. Dan il-Foreman kien Guido Camilleri u kien tah tips biex jara li n-nies ihaffu. Wara inbidel.

Lill-appellant kien kellmu u qallu biex jahdem biz-zewg idejn, inkella jieqfu. Meta kellmu ma kellux argument, beda jahdem, imma meta x-xhud ra li linja sejra slow allura gibed l-attenzjoni tal-Foreman li bidlu u qallu biex jiehu hsieb hemm isfel inkella ma nlahhqux.

Is-Sur Mallia Milanes qara Dokument K3 li kien ghamel ix-xhud Borg dwar ilmenti li rcieva minn xi haddiema fuq l-appellant. Dan id-dokument ikkonfermah bil-gurament. Il-perijodu tad-Dokument 3 hu tal-perijodu bejn Ottubru 1979 u Ottubru 1981.

Jekk kienx kellem lill-appellant meta shabu kienu jilmentaw minnhu, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u n-nies imsemmija fid-dokument hadmu kolla ma Galea u kolla lmentaw fuqu xi darba jew ohra.

Fl-esperienza tieghu meta kien fuq il-linja qatt ma ittardja jew hekk. Dejjem kellmu meta ra nuqqasijiet, u meta jkun hemm linja vojta gejja mill-istore tal-vojt fejn jahdem l-appellant, kien jitla jara u shabu kienu jghidulu "Int ghaliex hemm dan mieghi, ghaliex tibghatilna lil dan". Ix-xhud fisser lit-Tribunal il-prodedura tal-vojt u tal-mili. Fil-bicca l-kbira ix-xoghol isir awtomatikament imma l-Juices issir bl-idejn.

Dwar target tal-produzzjoni, ix-xhud wiegeb li huma jitkellmu fuq kontenut ta Tank. Tank jiehu siegha u nofs, imma jista' jkun hemm break down f'xi makna, jigiefieri ma tistax tghid timliex 4 jew hames tankijiet.

Fil-mili tal-fruit juices, dan irid jimtela fil-fliexken, ghax inkella jkollkom jarmuh. Meta gara l-kaz fruit juice kienu qed jimlew.

Is-Sur Mallia Milanes irrifera ghal Dokument 'J' u dawn huma rapporti mnizzla fil-Production Log Books u jindikaw li nghatat twissija verbali lill-appellant. Ix-xhud ta' spegazzjoni dwar paragrafu li jsemmi d-data tas 6/11/81 waqt il-mili tal-orangeora. Waslu fliexken tal-Kinnie flok tal-Orangeora. Allura waqqfu biex jibdlu l-fliexken. Inzerta li l-appellant kien fuq il-linja, hu biss kien hemm. Din il-mistoqsija saret mis-Sur Mallia Milanes biex jaghti background lit-Tribunal. Kontro ezami lix-xhud mis-Sur Slowe, gie mistoqsi biex jispjega ghaliex kien responsabbli l-appellant meta fil-fatt ikunu jahdmu tnejn minn nies fuq il-kaxxi, ix-xhud qal li x-xoghol kien qed isir minn l-appellant biss u l-Foreman gibidlu l-attenzjoni ghall-izball.

Fuq il-linja l-gdieda certu pallets minn hin ghall iehor jehlu, ix-xhud, wiegeb lis-Sur Slowe li fuq dik il-linja ma kienx hemm pallets. Ix-xoghol isir bl-idejn - manwali.

Ic-Chairman irrimarka li skond xi dokumenti pprezentati "Log Book Reports" kienu juru li waqaf ix-xoghol daqqa mhabba l-elettriku, u affarijiet ohra u kultant tissemma xi persuna li ma kienitx qed tahin fil-produzzjoni.

Ix-xhud wiegeb ukoll li fit 3.30, hin li semma fuq waqfien, hu ma kienx hemm.

Il-problema ta' produzzjoni bil-mod, inqalghet qabel halla x-xoghol hu u kien kellem lill-appellant u qallu "Hafifli ftit" aqbghad b'idejk it-tnejn bhall ohrajn halli nhaffu" u dak il-hin ghamel li ghidtlu. Qabel inbidel fis-2.30 p.m. qal lil Foreman li kien ser jibdlu Guido Cammilleri biex jiehu hsieb hemm isfel jibdew jaqbdu bit-tnejn u ma jwaqqfuniex. Dak li gara dak inhar.

Meta beda l-appellant fis-2 p.m., beda jaqbad b'idu l-wahda u qallu biex juza jdejh it-tnejn, u beda jahdem b'idejh it-tnejn, imma lil Foreman li kein ser jibdlu qallu fejn seta jkollhom waqfien. L-appellant qatt ma qallu jew urieh li mhux ser jobdi, talanqas quddiem ix-xhud. Ix-xhud mistoqsi mill-gdid rega tenna li l-appellant beda fis-2.00 p.m. u x-xhud induna billi ra l-mejda mimlija fliexken u sakemm jitnehhew ma jistghux iwasslu fliexken ohra. Ma kienx possibbli li joqghod ghassa ma bniedem wiehed u fuq domanda tas-Sur Agius, ix-xhud spjega kif jimxu l-fliexken biex jinhaslu, jintlew u jitpoggew fil-kaxxi, hawnhekk gie pprezentat Dokument 4

(f) Is-Sur Emm Grech Foreman ma S.F.C. Ltd. Is-Sur Mallia Milanes qralu Dokument K5 li kien ghamel ix-xhud u kkonfermah bil-gurament, it-Tribunal gibed l-attenzjoni tax-xhud li dan id-dokument ikopri minn Jannar 1980 sa Ottubru 1981 u xhud kitbu fuq talba tal-Management. Qal li jahdem fl-empty stores, mal-mili ma kellux x'jaqsam, imma fil-kwistjoni tal-appellant kien imdahhal u lill-appellant kien jafu kemm kien ilu fl-empty store.

.../14

Kontro ezami mis-Sur Slowey, ix-xhud qal li ilu fl-istore tal-vojt madwar 3 snin u l-appellant kien jahdem fuq il-palletiser, ikun hu u iehor u jaghmlu nofs siegha. Gieli ma kienx pront fil-hin u sakemm jirritorna siehbu jahdem wahdu. Ix-xhud gie li kellem lill-appellant u jghidlu biex ma jittardjax meta jwarrab, hu kien jghidlu li niezel sat-Toilet.

Fil-jum tal-incident, 6/10/81 ix-xhud kien duty imma ma kellux x'jaqsam mal-kaz. Meta kien ikellem lill-appellant, kien jobdih, apparti li kien ikun nieqes minn fuq ix-xoghol tieghu.

It-Tribunal ried jaf mix-xhud jekk l-appellant kienx ikun nieqes mix-xoghol u xhud qal li fors i jittardja 10 minuti u hu kien igorrlu.

(g) Is-Sur Albert Calleja Quality Control Manager u dak iz-zmien tal-kaz kien Assistant Production Manager. Ix-xhud gie mistoqsi biex jghid x'kien gara fis 6/10/81 u kif ghamel ir-rapport fuq il-kaz tal-appellant.

Ir-rapport origina bejn it-3.30 p.m. - 3.45 p.m. meta l-Foreman G Camilleri mar hdejn ix-xhud u qallu li l-produzzjoni sejra hazin, kien bezghani li mhux ser ilahhqu l-programm ta' dak inhar u qallu wkoll li wahda mir-ragunijiet principali kienet il-metodu kif kien qed jahdem l-appellant. Qallu wkoll li Foreman Borg, qablu kellu xi problemi ma l-appellant imma wara l-hand over Borg telaq.

Ix-xhud ghamel rapport tal-incident, cempel lis-Sur P Portelli u gharrfu bli kien qed jigri u wrieh il-biza taghhom li ma jlahhqux mal-programm ta' dik inhar u s-Sur Portelli qallu biex jaghmel rapport bil-miktub u fil-fatt ghamel hekk. Is-Sur Mallia Milanes qara lix-xhud ir-rapport li kien ghamel Dokument L1. Ix-xhud wara l-qari tad-dokument, ikkonfermah.

Mistoqsi fejn kien l-appellant ix-xhud qal li dan kien fuq it-tarf tal-linja fejn johorgu l-fliexken mimlija u jippakkja dawn fil-kaxxi - generalment kien ikun team ta' 3 jew 4 minn nies, 3 jistivaw u wiehed jistiva l-kaxxi fuq il-paletti - kollox bl-idejn. Kultant zmien ibiddlu jew iserhu l-xulxien.

Dwar konsegwenzi jekk wiehed ma jahdimx normali, kif mistenni ix-xhud qal li huma jhallu l-ahhar saghtejn tal-gurnata biex isir tindif tal-linja u jippruvaw jispiccaw ghal xi 8.00 p.m. jekk ikun zewg shifts, kif kien hemm ghax fl-10 p.m. in-nies imorru d-dar. Mill-esperjenza li bnew kienu jahorgu materja prima, li jilhqu [illegible] jużawha u gie li kien hemm kazi fejn baqaghlna, ghar-ragunijiet teknici, meta baqaghlhom il-juice, kien ikollhom jibeghu wara l-hin anke sa nofs il-lejl.

Konsegwenzi ta' xoghol bil-mod ifisser li ma tlahhaqx mal-programm u jew ikomplu sejrin wara l-hin normali u l-konsegwenzi ta' spejjez ta' traffiku, organizzar tat-trasport jew jekk ikun somma ta' flus wiehed jiddiciedi jekk jarmix il-juice, flok ikompli l-mili. Imma xorta jfisser telf ta' flus u telf ta' hin jekk ma tintlahaqx il-produzzjoni.

Mistoqsi jekk jafx b'xi kaz dwar l-appellant, ix-xhud qal li jiftakar li darba kien mar idur fli store tal-vojt u l-appellant kien qieghed bil-qiegheda flok jahin lil sichbu u wiehed wahdu ma jahdimx. Ix-xhud qaghad josservah u mbghad kellmu u minn wiccu deher li ma hax gost li telaq b'mod indifferenti u kompla xogholu. Semma kaz iehor fejn kien ra lill-appellant boqghod mill-post tax-xoghol, kellmu, deher li ma hax gost, beda qisu jirrabja u rega mar fuq ix-xoghol.

Dwar l-attaggjament tal-appellant, ix-xhud qal li jiftakar li darba jew tnejn qabel il-kaz kienu marru xi ndividwi; ma jiftakarx [illegible] isimhom; u dawn kienu jghidulu li fejn jahdem hu (l-appellant) dejjem itellfu u dejjem jahdmu huma - ma kienux kuntenti. Il-foremen kienu kwazi kuljum jghidulu u gie li nizel ix-xhud stess, jara l-produzzjoni wieqfa u meta jistaqsi x'gara kienu jghidulu li fli store tal-vojt hemm l-appellant. Hafna minn dawn l-incidenti gew recorded bhala stoppages fuq il-linja u f'xi kazi minnhom issemma direttament l-appellant.

Ghal mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud wieġeb li barra dak li ġa xehed fuq l-appellant ma jiftakarx dettalji oħra, fuq rapporti oħra barra dokument L1, ma jafx li kiteb xi rapporti oħra , imma kellem kemm il-darba lis-Sur Portelli u dwar il-ġarr tal-Foremen fuq l-appellant dwar l-atteġġjament tiegħu, imma ma kienux kazi fejn wieħed seta jagħmel rapport. Il-kumpanija kienet tolleranti ħafna u filwaqt li kien hemm ħafna warnings dejjem jipprovaw li jirriformaw lil dak li jkun.

Kontro ezami mis-Sur Slowe, ix-xhud qal li kien għamel il-perijodu kollu tas-sena 1981, kien fuq il-production tal-juices u f'dak iz-zmien sar jaf ħafna minn nies li jaħdmu fil-Production Division fosthom lill-appellant.

Dwar l-incident tas 6/10/81 ix-xhud wieġeb li ma jidhirlux li kien perijodu twil ta' waqfien, imma kienet ta' stop, start. Jieqaf ix-xogħol, ineħħu l-fliexken u jerggħu jibdew - jekk ikun minuta kull tlieta hemm 33% telf ta' ħin.

Mitlub iffisser kif il-bottling waqaf fit-8 p.m. dak inhar, ix-xhud qal li qatt ma jieqfu fl-10 p.m. Isir hekk biex l-aħħar sagħtejn sagħtejn u nofs isir it-tindif.

Dwar l-atteġġjament tal-appellant, ix-xhud qal li dan fl-opinjoni tiegħu mhux jekk tagħmilx haġa jew le, imma jekk tagħmiliex tajjeb jew le, jekk tagħmiliex fil-ħin u bl-attenzjoni kollha. Hekk kien qed jirrifieri għall-atteġġjament fid-dettal, imma mgħandux dubju li l-appellant kien hemm granet, siegħat, xhur u snin li kien jobdi id-direzzjoni tal-Foremen.

(h) Is-Sur Portelli - Personnel Manager

Okkazzjona għal dak li qallega l-appellant li f'paragrafu 5 ta li statement of case qal li s-Sur Portelli qallu li ser ipattiha qares u sabbatli l-bieb ma wiċċi. Ix-xhud qal li qatt ma sabbattlu il-bieb ma wiċċixi ħadd u ma qallux li "ser ipattiha qares". Kompla qal li hu u l-appellant kemm il-darba tkellmu fit-tul, gie li ccajtaw, gie li ġibidlu l-attenzjoni li mhux miexi tajjeb fuq ix-xogħol, u għamel referenza għal dak li qal ix-xhud Calleja dwar tolleranza zejda.

.../17

It-tolleranza kienet tkun li l-imghallem jibghatu ghandi u gie li damu kwarta jitkellmu flimkien u jiddiskutu mieghu biex jipprova jurieh il-hazin tieghu. Is-6 ta' Ottubru kienet it-Tlieta, u mhux il-Gimgha kif qal l-appellant. Wara din id-data l-appellant thalla jahdem u gie sospiz fit-12 ta' Ottubru, 1981. F'dan il-perijodu gie studjat il-kaz u ma kienx hemm sospensjoni mmedjata. Infatti f'dak il-jum 6/10/81 l-appellant baqa jahdem sal 10 p.m. Ghaldaqshekk mhux tassew, gie [illegible] mibghut il-barra dak il-hin, kif allega l-appellant. Gie sospiz ghall gimgha u wara saret it-terminazzjoni tl-imsieg. It-termination saret wara li gie studjat il-kaz u l-background kollha.

Is-Sur Mallia Milanes qara dokument N li gie kkonfermat bil-gurament mix-xhud, ghax kien inkiteb minnu u wara qal li x'gara fil-linja tal juices ma setghax jghid ghax ma kienx presenti, imma l-ewwel kellu rapport verbali mis-Sur Calleja u talbu biex jaghmel rapport miktub. Qallu wkoll li fied ikellem liz-zewg individwi indikati mill-Foreman Guido Camilleri, kemm lil Galea, l-appellant u l-Gauci.

Lill-appellant qallu li kellu rapport dwaru, u kien ser jimxi fuqu, u fakkru fil-passat tieghu u li l-ahhar twissija li kienu tawh kienet finali, u gibidlu l-attenzjoni ghal dak li seta jigrilu. Kellem ukoll lil Gauci u l-Foreman kien qallu li ma kienx kaz kontra dan biex jittiehdu passi dixxiplinarji.

Dwar l-ilmenti li ka [illegible] li kien jircievi fuq l-appellant, ix-xhud qal li diversi Formen kienu jitkellmu fuqu li ma kienxipositiv fix-xoghol tieghu. Mhux haga kontiniwa, ghax meta tigbidlu l-attenzjoni jirranga, imma kienet issir sikwit. Diversi haddiema gieli gew jit-kellmu fuqu.

It-Tribunal staqsa lix-xhud, jekk qattx kellhom bniedem li jkun spostjat u ibiddluh. Ix-xhud qal li biex tbiddel haddiem minn post ghall iehor, ser tnehhi problema minn post u tohlloqha f'iehor.

L-appellant gie mibdul f'diversi postijiet, imma dan l-ahhar kien ilu zmien twil fli store tal-mili u fli store tal-vojt. Kien f'hafna postijiet, u l-ewwel kien jaghmel xoghol ta' Labourer imbghad dan l-ahhar kien sar machine operator. Kien parti minn team.

Meta gie mochti sospensjoni qalu lil appellant u qalulu li kienu ser jikkuntatjawh xi gimgha wara.

Fuq ir-rapport tas-Sur Calleja, l-appellant qalulu li ghandu rapport u mhabba l-passat tieghu ser jkun gravi dinid-darba.

F'Novembru il-Union kienet talbet xi nformazzjoni dwar il-kaz u anke kellimhom Dr Godwin Muscat Azzopardi, imma l-management wiegeb li ma kienx ser jirrevedi l-kaz ghax id-decizjoni dwar l-appellant saret wara li rajna l-kaz u l-passat tieghu.

Is-sospensjoni tal-appellant kienet bejn it-13 u 19 ta' Ottubru 1981. Ix-xhud kien siefer bejn dawn id-dati, imma dokument A juri car kif gie terminat l-impieg tal-appellant. Pero ma kienx qed jahrab mid-decizjoni ghax il-kaz kien car.

Kontro ezami mis-Sur Slowe

Ix-xhud qal li gie li tkellmu fuq l-appellant u gie li tkellmu ma l-Union dwar l-appellant u tnejn ohra li xtaqu jbiddhulhom ix-xoghol, hemm xi ndividwi li huma ta' problema, imma mhabba x-xoghol mhux dejjem tista' taghmel dinil-haga.

Mistoqsi jekk jistghax jghid xi haga ta' ghid li ghamel l-appellant barra n-nuqqasijiet tieghu, ix-xhud wiegeb li ma jafx u xtaq li s-Sur Slowe jindikalu. Slowe qal li meta qabdet il-Warehouse tal-kumpanija l-appellant kien il-bniedem li ghamel ir-rapport tal-hruq u li ma kienx hu kienet issir hafna aktar hsara.

Ix-xhud qal li dan ma jinnegahx, imma jiftakar li l-appellant ra l-kaxxi jaqbdu, u gibed l-attenzjoni tan-nies. Hu kien vicin u seta jinduna, imma kull impjegat meta jara xi hsara ghandu jirraporta. Ghamel haga tajba, imma l-management jistenna dan minn kull impjegat. Dwar in-nuqqasijiet tal-appellant u promotion ix-xhud qal li huma ghandhom

agreement mal-Union dwar promotions u billi l-appellant kien ilu hafna jaghmel certu xoghol gie mtella fil-grade. Il-management gie li rrifjuta li jgholli l-grad ta' xi ndividwi, filwaqt li l-Union tinsisti fil-kaz tal-appellant inghata cans, imma rriforma ma ghamiliex.

Ix-xhud wiegeb tajjeb ghal domanda tas-Sur Slowe dwar il-warnings lill-appellant, meta s-Sur Slowe qal li jidher li ma biddlux il-post kif ftehmu mal-Union biex isibu opportunita u jkeccuh. Ix-xhud qal li l-warnings li nghata u sospensjonijiet juru kemm il-kumpanija kienet tolleranti u riedet li l-appellant jirriforma.

<u>Is-Sur Arthur Muscat</u> Assistant Personnel Manager.

Dan ix-xhud gie mitlub jixhed mit-Tribunal, peress lis-Sur Portelli fix-xhieda tieghu qal li ma kienx Malta wara li l-appellant gie sospiz mix-xoghol mit-13 ta' Ottubru, 1981. Dokument A kien fih il-firma tax-xhud barra ohrajn.

It-Tribunal ried jaf min ghand ix-xhud kif ittiehdet id-decizjoni tat-tkeccija tal-appellant. Ix-xhud qal li Dokument A kien fih il-firem tas-Sur Debono, Prod. Man. u tas-Sur Calleja Assistent tas-Sur Debono, tax-xhud u tal-Managing Director, is-Sur L A Farrugia. L-ewwel tliet firmatarji kienu ddiskutew il-kaz u ma bghatux l-appellant il-barra sommarjament. Meta ddiskutew il-kaz 6/10/81 raw il-history kollha ta' l-appellant.

Finalment hemm ir-responsabbilta ta' Managing Director, il Personnel Manager u l-Manager responsabbli mid-dipartiment fejn jahdem l-impjegat. L-appellant kien gie moghti sospensjoni ukoll qabel it-tkeccija u din turi li ma ttehditx decizjoni immedjata.

Kontro ezami mis-Sur Slowe/Ph Agius, ix-xhud qal li d-decizjoni kienet tal-erba firmatarji ta' Dokument A. Dwar is-Sur Calleja ix-xhud qal li dan kien ghamel rapport fuq l-incident tas 6/10/81 u kien fil-liberta li jesprimi kull opinjoni u s-Sur Calleja kien familjari mal passat tal-appellant.

Dwar jekk jahsibx li s-Sur Calleja kien ga ghamel f'mohhu li jkecci lil-appellant, ix-xhud qal li d-decizjoni ma hadiex s-Sur Calleja wahdu u ma jistghax jghid x'kellu f'mohhu dan is-sinjur. Dwar sospensjoni u tkeccija,ix-xhud rega qal li l-appellant l-ewwel thalla fuq ix-xoghol ghal 4 ijiem, gie sospiz u wara li sar studju bir-reqqa tal-kaz giet mehuda id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant.

(j) Dr Godwin Muscat Azzopardi - Konsulent tal-Union Haddiema S.F.C. Ltd

Is-Sur Slowe ghamel il-mistoqsijiet lix-xhud u tal bu jghid x'parir ta' lil Union dwar il-kaz tal-appellant. Ix-xhud qal li ghad li ma jiftakarx id-data, il-Union kienu qalulu li kien ircieva ittra ta' temm ta' impieg Joseph Galea; l-appellant; lix-xhud ma kienx jafu qabel.

Dahal fid-dettal biex jara x'kien l-incident tat-tkeccija u wara li qaluli, qalilhom li kien importanti li jkollu evidenza ta' nies li kienu hadmu ma Galea dak il-hin.

Il-Union talbuh jekk ghandhomx imorru quddiem it-Tribunal dwar il-kaz u x-xhud qalilhom li qabel jippruvaw ikellmu lil kumpanija biex forsi jikkunsdraw il-kaz. Talabhom igibu lin-nies li hadmu mieghu u x-xhud kellimhom u talabhom jghiduli x'gara dak in-nhar 6/10/81. Wara li dawn tawh il-versjoni taghhom, dawn ghamlu statements separati Dok 7 A.B.C. U.H.S.F.C. li l-quddiem jikkonfermawh bil-gurament u dawn li statements baghthom lil kumpanija biex jara taccettahomx u tikkonsidra l-posizzjoni taghha. Wara il-kumpanija qalet li ma kienitx ippreparata tikkonsidra u ghaldaqshekk jew kiteb Galea, jew il-Union, biex immorru quddiem it-Tribunal Industrijali.

Kellu ittra, jew il-Union irciviet ittra minghand is-Segretarju tal-Ministru tax-Xoghol li qal li kienu raw il-kaz kellmu lill-kumpanija u riedu li ahna nikkonsidraw il-possizzjoni taghna u x-xhud kiteb lura u baghat ukoll kopji ta' Dok 7 A,B,C, U.H,S.F.C.

.../21

Li statements li ghamlulu it-tlieta haddiema ghamluhom minn jeddhom, wara domandi li ghamlilhom ix-xhud. Ix-xhud qal li ma mumiex datati ghax normalment jigu datati meta jiehdu l-gurament. Il-haddiema ma gewx flinkien imma tnejn darba, u iehor wahdu u kien hemm maghhom xi ufficjal tal-Union.

It-Tribunal ried jaf bejn wiehed u iehor meta saru u x-xhud qal li xi gimgha wara l-incident u billi tkeccija finali saret fuq dan l-incident, l-istatements rabathom ma dak il-jum tal-incident.

Mistoqsi mis-Sur Slowe, ix-xhud qal li l-kumpanija qatt ma kellmitu dwar l-appellant, meta kellu xi laqghat mal-kumpanija, qabel dan l-incident.

Kontro ezami mis-Sur Mallia Milanes ix-xhud wiegeb li hu personalment ma marx il-Labour Office, u ma jafx il-Union marritx, il-parir tieghu kien li jittrattaw mal-kumpanija u jaslu on a friendly basis bhal ma waslu kemm il-darba.

It-Tribunal ried jaf jekk ix-xhud qattx dahal biex jiddiskuti xi kazi ta' warnings meta gie mitlub mill-Union u x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Gie li kien hemm kazi ta' rtirar ta' warnings jew sospensjonijiet, imma fuq l-appellant qatt. Ghalhekk kellu attitudni li qabel jidhru quddiem it-Tribunal, jippruvaw jirrangaw mal-kumpanija.

(k) Is-Sur Carm Borg - Production Foreman

Is-Sur Mallia Milanes qralu Dok K2 u x-xhud ikkonfermah bil-gurament, l-istess sinjur ghamel referenza ghal Dokument I5. Dan hu kopja ta' Punch Card ghal perijodu tal3/6/81 li x-xhud spjega li kien ghamel fuq il-Card rimarka dwar l-appellant li telaq mill-post tax-xoghol bla permess u meta warrab ma kien hemm hadd fuq il-makna dak il-hin.

Ix-xhud kellem lill-appellant fuq dan in-nuqqas u qallu li ser jaqtalu kwarta paga.

Kien jiltaqa mal-appellant kwazi kuljum.

Ix-xhud spjega dwar il-figuri ta' hinijiet li kien hemm fuq il-Punch Cards u meta jkun hemm xi nuqqas dan jigi muri fuq il Card.

Kontro ezami mis-Sur Slowe/Agius ix-xhud qal li kien jahdem fl-empty stores bejn Jannar u Awissu 1980, kif ukoll 1981. Meta nqratlu id-Dokument K2 il-Union qalet li ma jidhirx li x-xhud qatt ghamel xi rapport fuq l-appellant u x-xhud gie mistoqsi kif kienu jressqu l-ilmenti l-haddiema kontra l-appellant.

Ix-xhud qal li kienu jghidulu li ma riedux jahdmu mal-appellant u gieli gew wiehed wiehed jew tnejn, u l-erba msemmija kollha gregru.

Ix-xhud qal ukoll li qatt ma rrapporta ghax forsi l-affarijiet kienu jiggravaw aktar ghall-appellant.

Id-dokument K2 ix-xhud ghamlu ghax gie mitlub mill-Personnel Department biex jikkonferma dak li kien hemm fil-Punch Card.

It-Tribunal intervena biex jiccara x-xhieda dwar meta sar Dokument K2. Ix-xhud qal li ma jahsibx li l-appellant kien vittma ta' shabu. Qal ukoll li meta baghtu ghall-appellant, fi granet mhux tax-xoghol, l-appellant dejjem gie, safejn jiftakar ix-xhud.

It-Tribunal ried jaf jekk in-nies imsemmija fid-dokumnet K2 kienux jahdmu dejjem mal-appellant, ix-xhud qal li mhux dejjem, hu kien ikellem lill-appellant meta shabu kienu jgorru minnu u kien jghidlu biex imur f'postu jew biex jahdem sewwa. Dan kien jaghmlu ma haddiehor ukoll meta jonqsu.

It-Tribunal irrimarka li fid-Dokument K u K1,2,3,4,5, u 6 kien hemm xi ismijiet ta' haddiema li dehru f'aktar minn dokument wiehed u hass li dawn ghandhom jitilghu jixhdu biex jikkonfermaw dak li qalu skond id-dokumenti. Il-Union qablet li dawn ghandhom jigu quddiem it-Tribunal.

.../23

(1) Is-Sur Alfred Catania - Prodott mill-Kumpanija - Machine Operator/Labourer

It-Tribunal fisser lix-xhud ghaliex gie mtella jixhed, l-aktar ghax skond Dokument K gie msemmi hames darbijiet minn Foremen differenti li bejn 1980-81 sakemm dam jahdem l-appellant, ix-xhud qal kemm il-darba li ma xtaqx jahdem mal-appellant. Mitlub jikkonferma qal li dan il kliem qalu.

Is-Sur Ph Agius, ried jaf mix-xhud kemm dam jahdem mal-appellant u wiegeb li hadem hafna.

Dwar il-kliem li qal fuq l-appellant qal li ghamlu f'sahna u mhux b'rapport, imma kien jghidlu ghax meta kien issir xi haga hazina u biex jiskolpa ruhu kien juri li mhux tort tieghu.

It-Tribunal gibed l-attenzjoni tax-xhud u fakkru li skond Dok K garr hafna drabi fuq l-appellant, ix-xhud ma cahadx u bi twegiba ghas-Sur Agius qal li meta tgorr ir-rapport isir wahdu.

Ix-xhud ma setghax jghid li kein hemm xi Foreman partikolari li kien imqabbad mal-appellant.

Fil-kontro ezami mis-Sur P Portelli, dan fakkar lix-xhud li barra li kien garr ma aktar minn Foreman wiehed u ma setghax garr ma tnejn fl-istess jiem, mhux imma f'tul ta' sena, u mhux f'sahna tal-mument. Ix-xhud qal li hu gie li mar ghand is-Sur P Portelli b'xi l-ment fuq ix-xoghol.

Is-Sur Portelli fakkar lix-xhud li gie li mar ghandu, jew is-Sur Portelli mar ikellmu u kien jghidlu "Ma rridx nahdem ghaliex mhux il-hin tieghi li nwaddab, imissu dak u dak ghadu ma giex".

Ix-xhud qal li kein jiehdu l-Foreman u la jkun bla htija jkellu jitkellem.

(m) Is-Sur Carm Brincat - Machine Operator/Labourer - Prodott mill-Union.

Dan ix-xhud gie mistoqsi kienx hemm mumenti li kien jahdem ma l-appellant u warrab u xhud wiegeb li gie li warrab sat-toilet u hekk.

It-Tribunal oggezzjona mas-Sur Slowe li kien qed jaghmel il-mistoqsijiet lix-xhud, ghax it-Tribunal kien jinteressah li jisma fuq l-appellant mhux fuq ix-xhud, u kien talab dan ix-xhud u ohrajn ghax fid-dokument K issemma fost nies ohra li garrew fuq l-appellant. Il-Foreman kiteb stqarrija, semma nies u dawn la gew insemmija setghu jikkonfermaw jew jiehdu dak li ntqal. Ix-xhud Brincat ma cahadx li gie li garr dwar l-appellant. (Din ic-cahda ma dahhlitx fir-Recording u ghalhekk ma tidirx fit-Transcript).

(n) Is-Sur Spiteri - Machine Operator/Labourer - Prodott mill-Union

Mistoqsi jekk qattx garr dwar l-appellant bejn Ottubru 1978 u 1981 mit-Tribunal, ix-xhud qal li ma hadimx bejn dawn id-dati, mhux dejjem kien hemm, ghax kien jahdem f'dipartiment iehor, kien jahdem meta jonqos xi haddiem iehor u ma jafx li qal lil xi hadd li "Joe telaq". Ma l-appellant ftit hadem, u meta hadem kien jghidlu biex jimlielu l-linja bhal ma jimlielu hu.

Ix-xhud baqa jghid li ma jiftakarx li xi darba garr fuq l-appellant u fil-kontro ezami mis Sur P Portelli, dan qralu id-Dokument li kien kiteb il-Foreman Frank Borg.

Ix-xhud wiegeb li forsi garr fuq ix-xoghol, imma qatt ma mar ghand il-Foremen - l-interpellant semmielu lil Foreman F Borg u qal li forsi dan rahom xi darba jahdmu bil-mod.

Ix-xhud ghawnhekk gie f'konfront mas Sur F Borg li gie mitlub mill gdid biex jikkonferma dokument K3; Dan ghamlu u qal li meta jara l-produzzjoni wieqfa jew ix-xoghol miexi bil-mod, kien imur jara x'gara, u jghidulu li jmissu jwaddab il-kaxxi l-appellant u ma jkunx hemm. Spiteri gie li qallu hekk u gie li cempillu.

.../25

It-Tribunal gibed l-attenzjoni tax-xhud Spiteri ghal dak li kien xehed il-Foreman quddiemu, imma Spiteri baqa jghid li ma kellux idea.

(o) Is-Sur J Mary Bezzina - Machine Operator/Labourer

It-Tribunal qal lix-xhud li fil-kaz tal-appellant J Galea, zewg Foreman kienu ghamlu dikjarazzjoni Dokumenti K3 u K4 fejn fihom semmew lix-xhud u xi haddiema ohra kienu qalu li ma jixtieqx jahdem mal-appellant ghal xi raguni. Dan kien bejn Ottubru 1979 u Ottubru 1981.

Ix-xhud qal li qatt ma jiftakar li lmenta kontra l-appellant. It-Tribunal talab konfront tax-xhud mal-Foreman Frank Borg.

Is-Sur Frank Borg rega kkonferma id-dokument K3 li fih hemm imsemmi x-xhud J M Bezzina. Foreman Borg xehed li Bezzina kien jilmenta mieghu meta kien jghid li mhux hu jmissu jwaddab imma l-appellant, u dan ikun warrab.

Ix-xhud Bezzina baqa jichad u t-Tribunal fakkru li kemm hu u kemm il-Foreman kien qed jixhdu bil-gurament u mhux qed jghidu l-istess. Xi hadd zgur mhux qed jghid is-sewwa.

It-Tribunal hawnhekk f'interrent mas-Sur Slowe qal li hu jrid johrog il-verita u jhoss li l-Foreman ghamel statement vicin taz-zmien li spicca l-appellant, filwaqt li Bezzina qed jixhed dwar affarijiet li kienu graw sentejn ilu u aktar.

7. <u>Final Submissions</u>

Ghall-appellant Joseph Galea, l-Union Haddiema S.F.C. Ltd issottomettiet li Galea mill-provi gie mkecci mhux ghax ma hadimx normali imma l-kumpanija uzat l-iskuza tal-incident tas 6 ta' Ottubru, 1981 biex tehles minnu.

Semmew ix-xhieda ta' Gauci, Galea (mhux l-appellant) u l-Foreman Camilleri. Insistew li jekk ir-raguni tat-tkeccija tkun insufficjenti, il-passat ma jidholx.

It-Tribunal ghandu jsib lil Joseph Galea ma giex imkecci gustament.

Ghall-kumpanija, is-Sur Mallia Milanes, irreferiet lit-Tribunal ghad-Dokumenti dwar twissijiet miktuba u verbali, l-attendenza tard ghax-xoghol u dikjarazzjonijiet ohra.tal-Foremen.

Il-kumpanija waslet ghad-decizjoni finali wara li studjat is-sensiela ta' nuqqasijiet tal-appellant u l-ebda dokument ipprezentat ma gie kkontestat b'mod konvincenti. It-Tribunal gie mfakkar dwar xi punti li hargu minn hafna xhieda tal-kumpanija u xi xhidda favur l-appellant.

Il-kumpanija uzat ghal hafna zmien id ta' hniena mal-appellant imma fl-ahhar intlahaq il-limitu u t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant kienet gusta skond il-ligi.

8. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Tribunal</u>

Il-kumpanija S.F.C. Ltd ressqet il-kaz taghha u sahhitu b'numru ta' Dokumenti dwar l-imgieba tal-appellant li juri li din il-kumpanija tista tissejjah tabilhaqq serja u ttimexxa b'mod li ma tantx taghti lok biex issib x'tikkritika specjalment f'dak li ghandu x'jaqsam it-trattament tajjeb li ghandha bejn il-haddiema taghha u jidher minn dan il-kaz li l-kumpanija ma tasalx biex tiehu decizjonijiet mghaggla meta tasal biex itemm l-impieg ta' xi mpjegat taghha.

Fil-kaz quddiem it-Tribunal wriet li tat-zmien lill-appellant biex jirriforma qabel waslet ghall-ahhar pass u kellu twissijiet miktuba u verbali xierqa biex jirranga.

L-appellant kienuilu zmien sewwa mal-kumpanija u fl-eta ta' 38 sena it-Tribunal ma jistghax jghid jew ihoss li dan kellu xi nuqqas ta' ghaqal anzi jifhem li kellu maturita bizzejjed biex jifhem u jizen bejn it-tajjeb u l-hazin.

Ghad li l-kaz ma kienx komplikat, instemghu numru ta' xhieda biex hareg background tal-karattru tal-appellant. Ghax kuntrarju ghal dak li ntqal b'difiza tal-appellant kien mehtieg li t-Tribunal ikun jaf jekk l-incident li wassal ghat-tkeccija tal-appellant kienx kaz isolat jew parti minn storja li kienet ilha tirrepeti ruhha.

.../27

Fuq hekk it-Tribunal hu sodisfatt li xejn ma sar bil-ghagla u l-anqas ma sar bi pjan biex il-kumpanija tehles mill-appellant.

F'perijodu bejn Frar 1980 u Gunju 1981 gie moghti erba twissijiet miktuba, l-ahhar twissija fl-10 ta' Gunju 1981, kienet twissija finali.

Bejn Jannar 1980 u nofs Ottubru 1981 irraporta tard ghax-xoghol 76 darba, li 46 minnhom kienu bejn nofs Mejju 1981 sakemm spicca.

Skond il-ftehim kollettiv mal-Union, dan seta gie mkecci anke fuq dan in-nuqqas, imma ma keccewhx. Gie moghti wkoll twissijiet verbali murija fil-Production Log Books u twissijiet ohra verbali li jidhru fuq il-Punch Cards, barra li minn jaf kemm il-darba gie mwiddeb bil-fomm fuq in-nuqqasijiet tieghu. It-Tribunal innota li bejn il-haddiema li maghhhom kien jahdem l-appellant, kien hemm uzanza li dawn kull tant hin, jew kull nofs siegha, b'intervalli ta' nofs siegha mistrieh jew kull ... siegha, b'intervalli ta' seigha, dawn kienu jieqfu mix-xoghol ta' stivar jew ippakkjar u jaghmlu xoghol iehor hafif fl-istess area. Ghaldaqshekk l-anqas hemm skuza li wiehed jghajja jew jiddejjaq jaghmel l-istess xoghol u mossi tul il-hin kollu tax-xoghol.

Dan l-arrangement il-kumpanija kienet taf bih u ma kienitx tog-gezzjonah sakemm il-produzzjoni timxi bil-pass mistenni.

L-appellant ghal ragunijiet li jafhom hu jidher li ftit jew xejn kien ifittex l-ghajnuna tal-Union meta kien isib ruhu fl-inkwiet u jidher li anqas fl-ahhar incident li fih wasal biex gie sospiz u wara tilef l-impieg ma fittex l-ghajnuna filwaqt.

Dak li ntqal dwar l-ahhar incident, li l-produzzjoni dak in-nhar xorta tlahhqet fil-hin ma jfissirx li l-appellant hadem sewwa tul il-hin kollu, anzi juri li l-intervent tal-Foreman u tal-Assistant Production Manager, kif ukoll tal-Personnel Manager dak in-nhar wasslu biex il-haddiema stinkaw biex igibu l-hin li kien intilef.

Ir-rimarka li saret lit-Tribunal dwar award moghti minnu Nru 128 ma jistghax jigi uzat b'paragun ghax ic-cerkostanzi bejn iz-zewg kazi huma totalment differenti.

It-Tribunal fil-kaz presenti jara li l-appellant kellu twissijiet bizzejjed biex ibiddel l-attitudni tieghu flok li qaghad igib skuzi li m'humiex accettati bhal meta qal li l-management qabad mieghu u li haddiehor ghamel bhalu fil-kaz ta' meta gie sospiz fuq nuqqas ta' ndafa, hrug ta' zokkor, u mgieba vjolenti kontra pass dixxiplinarju.

Ghaldaqshekk it-Tribunal jaghti dan l-award li t-temm tal-impieg tal-appellant Joseph Galea saret skond il-ligi u ghaldaqshekk ma jilqax it-talba tal-appellant.

B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

CARMEL ROWE
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 27 ta' Settembru, 1982

ja

TRIBUNAL INDUSTRIJALI
DECIZJONI NRU. 130

KAZ NRU. 167

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Harold Vella

u

Messrs Plaza Hotel

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Settembru, 1982

Chairman: T. Portughese B.A.(Hons), M.A.

VERBAL

Peress li l-partijiet infurmaw lit-Tribunal li ntlahaq ftehim bejniethom it-Tribunal jiddikjara li ma hemmx lok ta' proceduri ulterjuri u ghalhekk ma jiehux izjed konjizzjoni tal-kaz.

T. PORTUGHESE
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

ja